# "HANNIEQA GIZIMIN"
## LIS-SUR NIN CREMONA

*Ta'* Mary Meilak

Nixtieq li fl-isem l-Għaqda u l-Imseħbin
U l-ħbieb li hawn madwarna miġburin
Jien nagħmel għal dil-festa tat-tmenin
Imħiba hekk kif tixraq lis-Sur Nin.

U l-versi tiegħi jiġu minsuġin
B'tifħir u ġieh għall-ħidma ta' tant snin
Lil dal-kittieb mill-aktar magħrufin
Filolgu wkoll mill-aqwa fl-istess ħin.

U ismu jibqa' mfakkar u mberkin
Ix-xogħlijiet mn'idejh imħollijin,
Kelmiet u ideat minnu mgħarblin
Għall-Ġnejna Letterarja tal-Maltin.

Nixtieq li l-versi tiegħi lis-Sur Nin
Indommlu bħal ħannieqa ġiżimin.